MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 295/2005

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**Vs**

**Dr Beppe Fenech Adami mahtur bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta l-assenti Odette Giannakoudakis (ID320676M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih il-bank attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` elf u hamsa w erbghin lira Maltin u tmien centezmi (Lm1,045.08c) bl-imghaxijiet mis-7 ta` Dicembru, 2004 sal-hlas effettiv fuq l-ispejjez rapprezentanti bilanc fuq facilita` ta` VISA card moghti mill-bank attur lill-konvenuta in virtu ta` skrittura privata tal-20 t`April, 2002 liema VISA card kienet bil-kont numru 4568823210110053 u liema kont gie rinumerat 087-089652-340 b'effett mis-17 ta` Dicembru, 2004.

Ra li l-konvenut debitament notifikat wiegeb illi huwa m’huwiex edott mill-fatt u rriserva li jipprezenta Risposta ulterjuri hekk kif jigi edott.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuta kellha VISA Card facility u liema VISA gie operat regolarment u l-ahhar transazzjoni kienet dik tat-28 ta` Gunju, 2004 meta l-konvenuta ghamlet pagament akkont ta` mitt lira Maltin (Lm100) biex b’hekk baqa` bilanc ta` disa` mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm985.62c). Minn dak iz-zmien il-kont m’operax aktar u l-ammont mitlub fil-kawza odjerna jirrapprezenta l-imsemmi bilanc, interessi u multi li akkumulaw minn dakinhar.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi fuq bazi ta` ekwita` l-ammont bilancjali korrett ghandu jkun ta` disa` mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm985.62c) bl-interessi b’effett mit-8 ta` Lulju, 2004 cjoe` l-ahhar data li gie operat il-kont skond kif jidher mill-istatements esebiti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba tal-bank attur u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas is-somma ta` disa` mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm985.62c) bl-interessi mit-8 ta` Lulju, 2004 u bl-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------